**16 ta' Ottubru**

**Tifkira ta'**

S. MARGARITA MARIJA ALACOQUE, VERĠNI

Twieldet fid-djoċesi ta' Autun, Franza, fl-1647. Daħlet soru tal-Viżitazzjoni f' Paray-le-Monial, u ġriet b'mod tal-għaġeb fit-triq tal-perfezzjoni; kellha rivelazzjonijiet mistiċi, l-aktar dwar id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesu', u tħabtet ħafna biex ixxerridha fil-Knisja. Mietet fis-17 ta' Ottubru 1690.

Mill-Komun tal-verġni... jew tal-qaddisin nisa: għar-reliġjużi...

Talba

Imliena, Mulej, b'dik il-qawwa spiritwali li inti tajt b'idejk miftuħa lil Santa Margarita Marija Alacoque, biex iseħħilna nagħarfu l-imħabba ta' Kristu, li tisboq kull għerf, u nimtlew bil-milja kollha ta' Alla. B'Ibnek.